Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 16/2014

**Elizabeth u Anthony Joseph Cutajar** **(appellati)**

**Vs**

**K.N.K. Airconditioner Co Ltd** **(appellanti)**

7 ta' Novembru, 2016.

1. Is-socjeta appellanti appellat minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi tal-14 ta' Novembru 2014 li kkundanat thallas lura lill-atturi is-somma ta' €1,200 prezz ta' airconditioner li rrizulta li kien difettuz.

2. L-aggravju tal-appellanti hu li ta s-sentenza minghajr ma ta l-opportunita sabiex tressaq il-provi.

3. Mill-atti jirrizulta li:

3.1 Fl-24 ta' April 2014, l-atturi pprezentaw il-kawza.
3.2 Fl-14 ta' Mejju 2014, il-konvenuta wiegbet.
3.3 Il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-2 ta' Gunju, 2014.
3.4 Dakinhar tas-seduta, il-konvenuta pprezentat rikors fejn talbet sabiex is-smiegh isir f'seduta ohra peress li r-rapprezentant taghha kien rikoverat l-isptar. Ghas-seduta deher biss l-attur u gie ddikjarat li kien qieghed jintrabat li waqt is-seduta li jmiss jipprezenta affidavit bix-xhieda tieghu.
3.5 Is-seduta ta' wara saret fis-7 ta' Lulju 2014. Ghal darb'ohra hadd ma deher ghall-konvenuta. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tat-28 ta' Lulju 2014.
3.6 Fit-23 ta' Lulju 2014, il-konvenuta pprezetat rikors fejn talbet lit-Tribunal sabiex ma jatix is-sentenza u biex jaghti appuntament sabiex il-konvenuta tressaq il-provi taghha. B'digriet tat-28 ta' Lulju 2014, it-Tribunal laqa' t-talba. Il-kawza baqghet differita ghas-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014.
3.7 Fis-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014 rega' hadd ma deher ghas-socjeta konvenuta. Il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-24 ta' Novembru, 2014.
3.8 Fl-24 ta' Novembru, 2014 inghatat is-sentenza.

4. Ghalkemm il-konvenuta ssostni li ma nghatatx l-opportunita sabiex tressaq il-provi taghha, l-atti juru mod iehor. Ghalkemm fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2014, kellha tinghata sentenza, bid-digriet tat-28 ta' Lulju 2014 it-Tribunal rega' ta lill-konvenuta l-opportunita li tressaq il-provi fis-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014. Fit-30 ta' Lulju 2014, id-digriet tat-28 ta' Lulju 2014 gie notifikat lill-konvenuta. Ghalkemm il-konvenuta ssostni li *"... jekk in-notifika saret sew, id-dokumenti notifikati sfortunatament ma waslux fejn kellhom jaslu."* Apparti li ma tressqu provi dwar din l-allegazzjoni, hu d-dmir tad-diretturi tal-kumpannija li jizgura li l-korrispondenza li jircievu tinghata lil min hu responsabbli ghaliha fil-kumpannija. Fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2014, ghal darb'ohra hadd ma deher fl-interess tal-konvenuta u ghalhekk ma tressqux provi. Gustament it-Tribunal iddiferixxa l-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tal-24 ta' Novembru 2014. Kien id-dmir tal-konvenuta li ssegwi x'kien qieghed jigri fil-kawza. Wara kollox kif jirrizulta mir-rikorsi li pprezentat, kienet assistita minn avukat. Il-konvenuta ssostni wkoll li l-*managing director* kien ghadu m'huwiex jirrapporta ghax-xoghol minhabba li kuljum kien qieghed imur l-isptar ghall-kura. Madankollu, kull ma kellu jsir kien li xi hadd jattendi ghas-seduti u jsiru l-arrangamenti mehtiega sabiex jixhed Pierre Vella Petroni. Dan ma sarx u ghalhekk il-konvenuta m'ghandix jedd tilmenta li ma nghatatx smigh xieraq ghan-nuqqas taghha stess.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta appellanti.**

Anthony Ellul.